

9.3.2017

A8-0251/108/rev

**Emenda 108/rev**

**Vicky Ford**

f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

**Rapport**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**A8-0251/2016**

**Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġiżlattiva**

**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1a. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-rizzoluzzjoni;***

Or. en

Għal skopijiet ta' informazzjoni, it-test tad-dikjarazzjoni huwa kif ġej:

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' standard għad-diżattivazzjoni li jiffunzjona tajjeb, u li jikkontribwixxi għal titjib fil-livelli ta' sikurezza u jagħti lill-awtoritajiet serħan il-moħħ li l-armi diżattivati jiġu diżattivati kif suppost u b'mod effikaċi.

Il-Kummissjoni, għalhekk, se taċċelera l-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-kriterji ta' diżattivazzjoni mwettqa mill-esperti nazzjonali fil-Kumitat imwaqqaf skont id-Direttiva 91/477/KEE sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta, sal-aħħar ta' Mejju 2017, skont il-proċedura ta' kumitat stabbilita mid-Direttiva 91/477/KEE u soġġett għal opinjoni pożittiva min-naħa tal-esperti nazzjonali, Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw bis-siħ l-aċċelerazzjoni ta' din il-ħidma."

AM\1119757MT.docx

PE598.517v01-00